SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

26 ta' Settembru 2024*

"Appell – Kuntratti pubbliċi għal servizzi – Irregolaritajiet fil-proċedura għall-għoti tal-kuntratt – Deċiżjoni ta' rkupru ta' ammonti mħallsa indebitament – Deċiżjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv – Artikolu 299 TFUE. – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni Ewropea"

Fil-Kawża C-597/22 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fis-16 ta' Settembru 2022,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata inizjalment minn B. Araujo Arce, J. Baquero Cruz u J. Estrada de Solà, bħala aġenti, sussegwentement minn J. Baquero Cruz, F. Blanc, J. Estrada de Solà u P. Ortega Sánchez de Lerín, bħala aġenti,

rikorrent,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

HB, irrappreżentata minn L. Levi, avukat,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Jürimäe, Presidenta tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Mħallef tat-Tielet Awla, N. Piçarra (Relatur), N. Jääskinen u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Lamote, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-27 ta' Settembru 2023,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2024,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob l-annullament parzjali tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Lulju 2022, HB vs Il-Kummissjoni (T-408/21, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:418), li permezz tagħha hija annullat, minn naħa, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2021) 3339 final, tal-5 ta' Mejju 2021, dwar l-irkupru ta' dejn fl-ammont ta' EUR 4 241 507 mingħand HB, skont il-kuntratt bir-referenza TACIS/2006/101-510 (iktar 'il quddiem il-"kuntratt TACIS"), u, min-naħa l-oħra, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2021) 3340 final, tal-5 ta' Mejju 2021, dwar l-irkupru ta' kreditu fl-ammont ta' EUR 1 197 055.86 mingħand HB, skont il-kuntratt bir-referenza CARDS/2008/166–429 (iktar 'il quddiem il-"kuntratt CARDS") (iktar 'il quddiem, flimkien, id-"deċiżjonijiet kontenzjużi").

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament Finanzjarju tal-2002

2 L-Artikolu 103 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju tal-2002"), tħassar b'effett mill-31 ta' Diċembru 2012, kien jipprevedi:

"Meta l-proċedura ta' għoti tkun soġġetta għal żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi, l-istituzzjonijiet għandhom jissospendu l-proċedura u jistgħu jieħdu kwalunkwe miżuri meħtieġa, inkluża l-kanċellazzjoni tal-proċedura.

Meta, wara l-għoti tal-kuntratt, il-proċedura ta' għoti jew it-twettiq tal-kuntratt tkun soġġetta għal żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi, l-istituzzjonijiet jistgħu, skond l-istadju li jkun intlaħaq fil-proċedura, jibqgħu lura milli jikkonkludu l-kuntratt jew jissospendu t-twettiq tal-kuntratt jew, fejn xieraq, jitterminaw il-kuntratt.

Meta tali żbalji, irregolaritajiet jew frodi huma attribwibbli għall-kuntrattur, l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll jirrifjutaw li jagħmlu ħlasijiet, jistgħu jirkupraw ammonti diġà mħallsa jew jistgħu jitterminaw il-kuntratti kollha konklużi ma' dan il-kuntrattur, fi proporzjon mas-serjetà ta' l-iżbalji, irregolaritajiet jew frodi."

Ir-Regolament Finanzjarju tal-2018

3 L-Artikolu 100 tar-tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju tal-2018"), intitolat "Awtorizzazzjoni għall-irkupru", jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Istituzzjoni tal-Unjoni tista' formalment tistabbilixxi ammont bħala riċevibbli minn persuni għajr Stati Membri permezz ta' deċiżjoni li għandha tkun infurzabbli fis-sens tal-Artikolu 299 TFUE.

[…]”

4 L-Artikolu 131 tar-Regolament Finanzjarju tal-2018, intitolat “Sospensjoni, terminazzjoni u tnaqqis”, jipprevedi, fil-paragrafi 2 u 4 tiegħu:

“2. Fejn, wara l-għoti, jintwera bil-provi li l-proċedura ta’ għoti kienet soġġetta għal irregolaritajiet jew frodi, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista’:

a) jiċħad milli jassumi l-impenn legali jew iħassar l-għoti ta’ premju;

b) jissospendi l-pagamenti;

c) jissospendi l-implimentazzjoni tal-impenn legali;

d) fejn xieraq, jittermina l-impenn legali sħiħ jew fir-rigward ta’ riċevitur wieħed jew aktar.

[…]

4. Minbarra l-miżuri msemmijin fil-paragrafu 2 jew 3, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista’ jnaqqas l-għotja, il-premju, il-kontribuzzjoni skont il-ftehim ta’ kontribuzzjoni jew il-prezz dovut taħt kuntratt b’mod proporzjonat għas-serjetà tal-irregolaritajiet, tal-frodi jew tal-ksur ta’ obbligi, inkluż fejn l-attivitajiet ikkonċernati ma jkunux ġew implimentati jew ikunu ġew implimentati ħażin, b’mod parzjali jew tard.

[…]”

Il-fatti li wasslu għall-kawża

5 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 2 sa 33 tas-sentenza appellata u jistgħu, għall-għanijiet ta’ din il-proċedura, jinġabru fil-qosor kif ġej.

6 Fil-25 ta’ Jannar 2006, l-Unjoni, irrappreżentata mid-delegazzjoni tagħha fl-Ukraina, nediet sejħa għal offerti sabiex tikkonkludi kuntratt għall-provvista ta’ servizzi ta’ assistenza teknika lill-awtoritajiet Ukraini għall-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ukrena għal dik tal-Unjoni. Dan il-kuntratt kien jagħmel parti mill-qafas tal-Programm ta’ Assistenza Komunitarja għall-Komunità ta’ Stati Indipendenti (TACIS) intiż li jgħin fit-tranżizzjoni lejn ekonomija tas-suq u fit-tisħiħ tad-demokrazija u tal-Istat tad-dritt fl-Istati imsieħba tal-Ewropa tal-Lvant u tal-Asja ċentrali (iktar ’il quddiem il-“kuntratt TACIS”). Dan il-kuntratt ingħata lill-konsorzju kkoordinat minn HB u l-kuntratt TACIS relatat miegħu ġie ffirmat, fis-17 ta’ Lulju 2006, għal valur massimu tal-kuntratt ta’ EUR 4 410 000.

7 Fl-24 ta’ Ottubru 2007, l-Unjoni, irrappreżentata mill-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (AER), nediet sejħa għal offerti bil-għan li tikkonkludi kuntratt għall-provvista ta’ servizzi ta’ assistenza teknika lill-Kunsill Ġudizzjarju Għoli, fis-Serbja. Dan il-kuntratt kien jagħmel parti mill-qafas tal-Programm ta’ Assistenza Komunitarja għar-Rikostruzzjoni, l-Iżvilupp u l-Istabbilizzazzjoni (CARDS) li kien intiż li jipprovdi assistenza lill-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa fid-dawl tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess ta’ stabbilizzazzjoni u ta’ assoċjazzjoni

mal-Unjoni (iktar ’il quddiem is-“suq CARDS”). Dan il-kuntratt ingħata lill-konsorzju kkoordinat minn HB u l-kuntratt CARDS relatat miegħu ġie ffirmat, fit-30 ta’ Lulju 2008, għal valur massimu tal-kuntratt ta’ EUR 1 999 125.

8 Wara t-twettiq ta’ missjoni ta’ investigazzjoni mwettqa mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) ikkonferma, f’żewġ rapporti ta’ investigazzjoni finali, mibgħuta lill-Kummissjoni fid-19 ta’ April 2010 u fit-28 ta’ Novembru 2011 rispettivament, l-eżistenza ta’ irregolaritajiet serji u ta’ fatti possibbli ta’ korruzzjoni fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta’ HB fis-sejħiet għal offerti relatati mal-kuntratti CARDS u TACIS. Barra minn hekk, l-OLAF issuġġerixxa li jiġu xolti l-imsemmija kuntratti u li jsiru irkupri.

9 Fil-15 ta’ Ottubru 2019, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2019) 7318 final, dwar it-tnaqqis tal-ammonti dovuti skont il- [kuntratt TACIS] u l-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament (iktar’ il quddiem id- “deċiżjoni ta’ rkupru TACIS”), kif ukoll id-Deċiżjoni C (2019) 7319 final, dwar it-tnaqqis tal-ammonti dovuti skont il- [kuntratt CARDS] u l-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament (iktar ’il quddiem id- “deċiżjoni ta’ rkupru CARDS”). Permezz ta’ dawn id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw, b’mod partikolari, il-kwotazzjonijiet tal-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002 u tal-Artikolu 131 tar-Regolament Finanzjarju tal-2018, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-proċeduri li jirrigwardaw il-kuntratti CARDS u TACIS kienu vvizzjati b’irregolarità sostanzjali, fis-sens tal-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002, li din l-irregolarità kienet imputabbli lill-konsorzju kkoordinat minn HB u li l-gravità tiegħu kienet tiġġustifika t-tnaqqis għal EUR 0 tal-ammont ta’ dawn il-kuntratti. Il-ħlasijiet kollha għall-imsemmija kuntratti ġew għalhekk ikkunsidrati bħala mħallsa indebitament u bħala li kellhom jiġu rkuprati.

10 Fid-19 ta’ Novembru 2019, HB adixxiet lill-Qorti Ġenerali b’żewġ rikorsi intiżi sabiex jikkontestaw il-legalità tad-deċiżjonijiet ta’ rkupru CARDS u TACIS u sabiex jitolbu kumpens abbażi tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Permezz ta’ sentenzi tal-21 ta’ Diċembru 2021, HB vs Il-Kummissjoni (T-795/19, iktar ’il quddiem is-“sentenza T-795/19”, EU:T:2021:917), u tal-21 ta’ Diċembru 2021, HB vs Il-Kummissjoni (T-796/19, iktar ’il quddiem is-“sentenza T-796/19”, EU:T:2021:918), il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn ir-rikorsi, minn naħa, bħala inammissibbli, sa fejn kienu intiżi għall-annullament ta’ dawn id-deċiżjonijiet, u, min-naħa l-oħra, bħala infondati, sa fejn kienu intiżi għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Fit-3 ta’ Marzu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat appelli kontra dawn iż-żewġ sentenzi li ġew irreġistrati rispettivament bin-numri tal-Kawżi C-160/22 P u C-161/22 P.

11 Fil-5 ta’ Mejju 2021, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjonijiet kontenzjużi dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-Artikolu 299 TFUE u tal-Artikolu 100(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-2018. Wara li fakkret li, konformement ma’ dan l-Artikolu 299, l-eżekuzzjoni forzata hija rregolata mir-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fl-Istat li fit-territorju tiegħu titwettaq u li l-istħarriġ tar-regolarità tal-miżuri ta’ eżekuzzjoni jaqa’ taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali, dawn id-deċiżjonijiet jindikaw, fl-Artikolu 5 tagħhom, li huma jikkostitwixxu titolu eżekuttiv skont l-imsemmi Artikolu 299.

12 Permezz ta’ digriet tal-25 ta’ April 2022, HB vs Il-Kummissjoni (T-408/21 R, EU:T:2022:241), il-President tal-Qorti Ġenerali laqa’ t-talba għal miżuri provviżorji mressqa minn HB u ordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjonijiet, filwaqt li rriżerva l-ispejjeż.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

13 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Lulju 2004, HB ressqet ir-rikors intiż sabiex il-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjonijiet kontenzjużi;

– tordna r-rimbors tal-ammonti kollha eventwalment irkuprati mill-Kummissjoni abbażi ta' din id-deċiżjoni, miżjuda bl-interessi moratorji bir-rata applikata mill-(BĊE), miżjuda b'7 punti;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas ta' EUR 1 simboliku bħala danni, "suġġett għal żieda", u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha kemm huma.

14 Insostenn tar-rikors tagħha, sa fejn kienet intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, HB invokat tliet motivi. L-ewwel wieħed kien ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tadotta dawn id-deċiżjonijiet, fuq l-assenza ta' bażi legali ta' dawn tal-aħħar u fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. t-tieni motiv kien ibbażat fuq ksur tar-Regolament Finanzjarju tal-2018 sa fejn il-Kummissjoni ma kellha ebda kreditu ċert fir-rigward ta' HB. It-tielet motiv kien ibbażat fuq ksur tal-formalitajiet sostanzjali, tad-dmir ta' diliġenza u tal-prinċipju ta' imparzjalità stabbiliti fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

15 Il-Qorti Ġenerali rrilevat, minn naħa, fil-punt 43 tas-sentenza kkontestata, li, kif tammetti l-Kummissjoni, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-appelli mressqa quddiemha skont il-kawżi C-160/22 P u C-161/22 P, tikkonferma n-natura kuntrattwali tad-deċiżjonijiet ta' rkupru TACIS u CARDS, dan iċaħħadha mis-setgħa li tadotta d-deċiżjonijiet kontenzjużi li għandhom, għalhekk, jiġu rtirati. Min-naħa l-oħra, fil-punti 48 u 50 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni setgħetx tadotta deċiżjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont l-Artikolu 299 TFUE sabiex titlob dejn naxxenti min-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt ġiet eżaminata fis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, ADR Center vs Il-Kummissjoni (C-584/17 P, EU:C:2020:576), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta deċiżjonijiet li jifformaw tali titolu fil-kuntest ta' relazzjonijiet kuntrattwali hija limitata għall-kuntratti li jinkludu klawżola ta' arbitraġġ li tattribwixxi ġurisdizzjoni lill-qorti tal-Unjoni.

16 Peress li l-kuntratti TACIS u CARDS fihom klawżoli ta' ġurisdizzjoni li jinnominaw bħala qorti kompetenti l-qorti Belġjana u mhux il-qorti tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 53 tas-sentenza kkontestata, li l-Kummissjoni ma kellhiex is-setgħa li tadotta d-deċiżjonijiet kontenzjużi abbażi tal-Artikolu 299 TFUE. Konsegwentement, hija laqgħet l-ewwel motiv, mingħajr ma eżaminat l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, u lanqas it-tieni u t-tielet motivi.

17 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 55 sa 72 tas-sentenza appellata, eżaminat it-talba għal kumpens ta' HB u ċaħditha bħala infondata.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali

18 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata, sa fejn din tannulla d-deċiżjonijiet kontenzjużi;

– tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu fir-rigward tar-rikors għal annullament; u

– tikkundanna lil HB għall-ispejjeż.

19 HB titlob li l-appell jiġi miċħud u titlob li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

L-argumenti tal-partijiet

20 Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tinvoka aggravju wieħed, li permezz tiegħu hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi meta bbażat ruħha, fil-punt 45 tas-sentenza kkontestata, fuq il-konstatazzjoni żbaljata, riprodotta direttament u "mingħajr diskussjoni" tas-sentenzi T-795/19 u T-796/19, li d-deċiżjonijiet ta' rkupru CARDS u TACIS huma ta' natura kuntrattwali, sabiex minn dan tiddeduċi, fil-punt 53 tas-sentenza kkontestata, li l-Kummissjoni ma kinitx kompetenti sabiex tadotta d-deċiżjonijiet kontenzjużi abbażi tal-Artikolu 299 TFUE.

21 Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali, fis-sentenza kkontestata, la ħadet inkunsiderazzjoni u lanqas irrispondiet għall-argumenti li hija kienet esponiet fir-risposta tagħha, li kienu jikkonċernaw "il-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tadotta d-deċiżjonijiet [kontenzjużi]" u kienu jikkonċernaw speċifikament "in-natura ġuridika tad-deċiżjonijiet ta' rkupru [CARDS u TACIS]", li kienet diskussa fil-kuntest tal-kawżi li taw lok għas-sentenzi T-795/19 u T-796/19.

22 Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, sa fejn hija "kkuntrattwalizzat" il-prerogattivi tagħha ta' awtorità pubblika, previsti b'mod partikolari fl-Artikolu 103 tar-Regolament Finanzjarju tal-2002, li permezz tagħhom hija tista' tikkonstata irregolaritajiet li jivvizzjaw kuntratt pubbliku, tnaqqas, konsegwentement, il-prezz ta' dan is-suq u tirkupra l-ammonti mħallsa indebitament. Tali soluzzjoni, li timplika li, meta l-Kummissjoni tikkonkludi kuntratti bħal dawk inkwistjoni f'dan il-każ, il-miżuri li jaqgħu taħt l-eżerċizzju ta' dawn il-prerogattivi jiġu "assorbiti" fl-isfera kuntrattwali u suġġetti għall-istħarriġ tal-qorti tal-kuntratt, iġġib fix-xejn il-prerogattivi tal-Kummissjoni bħala awtorità pubblika kif ukoll is-setgħat mogħtija lilha mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

23 Skont din l-istituzzjoni, permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali "taqleb is-sistema legali tal-Unjoni", f'dak li jirrigwarda kemm il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni sabiex tistħarreġ il-legalità tal-atti tad-dritt sekondarju, kif ukoll il-kapaċità tal-Kummissjoni li tipproteġi b'mod effikaċi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari billi tikkoreġi l-irregolaritajiet fil-proċedura ta' għoti ta' kuntratti meta dan ikun jeħtieġ l-adozzjoni ta' miżuri ta' natura amministrattiva. Il-Qorti Ġenerali b'hekk wettqet żball ta' dritt meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni n-natura ġuridika tad-deċiżjonijiet ta' rkupru CARDS u TACIS li d-deċiżjonijiet kontenzjużi kienu qed jippruvaw jimplimentaw. B'dan il-mod, l-analiżi tal-Qorti Ġenerali tikser is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, ADR Center vs Il-Kummissjoni (C-584/17 P, EU:C:2020:576, punti 69 sa 72), li fiha

l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li, meta l-Kummissjoni tadotta miżuri li jaqgħu taħt l-eżerċizzju tal-prerogattivi tagħha ta' awtorità pubblika, dawn huma, min-natura tagħhom, barra mir-relazzjonijiet kuntrattwali u jistgħu jiġu kkontestati skont l-Artikolu 263 TFUE.

24 Billi kklassifikat bħala miżuri ta' eżekuzzjoni tal-kuntratti CARDS u TACIS id-deċiżjonijiet ta' rkupru CARDS u TACIS meħuda abbażi, b'mod partikolari, tar-Regolament Finanzjarju tal-2018 u intiżi sabiex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali kisret l-ispirtu u l-kliem ta' dan ir-regolament, billi biddlet in-natura stess tas-setgħat li dan jagħti lill-Kummissjoni.

25 HB tirribatti li l-Kummissjoni ma tistax tiċċita, f'dan il-każ, l-argumenti ppreżentati fil-kuntest tal-appelli mis-sentenzi T-795/19 u T-796/19, u lanqas tieħu l-opportunità ta' din il-kawża biex tikkritika dawn is-sentenzi. Fi kwalunkwe każ, skont HB, il-Kummissjoni tagħti lil dawn is-sentenzi portata li ma għandhomx, tant li ma huwiex għaliex din l-istituzzjoni tiddikjara li teżerċita prerogattivi li jaqgħu taħt l-eżerċizzju tal-awtorità pubblika li dan huwa l-każ. F'dan ir-rigward, HB tirrileva li, fil-punt 72 tas-sentenza T-795/19 u fil-punt 67 tas-sentenza T-796/19, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li s-setgħat li l-Kummissjoni tislet mir-Regolament Finanzjarju tal-2002 jew minn regoli oħra tad-dritt sekondarju jaqgħu, sa mill-iffirmar tal-kuntratt, taħt ir-relazzjonijiet kuntrattwali.

26 Barra minn hekk, mis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, ADR Center vs Il-Kummissjoni (C-584/17 P, EU:C:2020:576, punt 67), minn naħa, jirriżulta li, jekk ir-regolamenti finanzjarji applikabbli jagħtu lill-Kummissjoni s-setgħa li ġġiegħel lil parti kontraenti tissodisfa l-obbligi tagħha ta' natura finanzjarja, l-eżistenza ta' kuntratt tipprekludi lill-Kummissjoni milli teżerċita l-kompetenzi li dawn ir-regolamenti jagħtuha b'mod unilaterali. Min-naħa l-oħra, mill-punt 73 ta' din is-sentenza jirriżulta li, għalkemm l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv taqa' taħt l-eżerċizzju, mill-Kummissjoni, tal-prerogattivi tagħha ta' awtorità pubblika, din l-istituzzjoni teċċedi l-kompetenza tagħha billi tadotta tali deċiżjoni fil-preżenza ta' relazzjonijiet kuntrattwali u meta l-qorti tal-Unjoni ma tkunx il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-kuntratt.

27 Fl-aħħar nett, HB tosserva li l-Kummissjoni "ma tidhirx li qed tikkontesta" l-argument li jekk il-krediti huma ta' natura kuntrattwali u, għaldaqstant, il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tal-kuntratti ma hijiex il-qorti tal-Unjoni, hija ma setgħetx tadotta deċiżjonijiet skont l-Artikolu 299 TFUE.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

28 Mill-formulazzjoni stess tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 299 TFUE jirriżulta li jikkostitwixxu titolu eżekuttiv l-atti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tal-Kummissjoni jew tal-BĊE li jimponu obbligu pekunjarju fuq persuni li ma humiex Stati Membri. Din id-dispożizzjoni ma tinkludi ebda restrizzjoni fir-rigward tan-natura tal-atti li jistabbilixxu obbligu pekunjarju, ħlief li hija ma tapplikax għall-atti indirizzati lill-Istati Membri. Madankollu, l-Artikolu 299 TFUE ma jikkostitwixxix, waħdu, bażi legali suffiċjenti għall-adozzjoni ta' atti li jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Fil-fatt, is-setgħa, għall-istituzzjonijiet imsemmija minn din id-dispożizzjoni, li jadottaw tali atti għandha tirriżulta minn dispożizzjonijiet oħra (sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, ADR Center vs Il-Kummissjoni, C-584/17 P, EU:C:2020:576, punti 51 u 53).

29 Barra minn hekk, meta l-Kummissjoni tadotta ordni ta' rkupru li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv, fis-sens tal-Artikolu 299 TFUE, l-effetti u s-saħħa vinkolanti ta' tali deċiżjoni unilaterali ma jirriżultawx mill-klawżoli kuntrattwali iżda minn dan l-istess artikolu, flimkien mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju applikabbli. F'dan ir-rigward, tali deċiżjoni

unilaterali bbażata fuq l-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika tikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju li jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament quddiem il-qorti tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 263 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, ADR Center vs Il-Kummissjoni, C-584/17 P, EU:C:2020:576, punti 69 u 72).

30 Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tadotta deċiżjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv, fis-sens tal-Artikolu 299 TFUE, fil-kuntest ta' kuntratti li ma jinkludux klawżola ta' arbitraġġ favur il-qorti tal-Unjoni u li jaqgħu, minħabba f'hekk, taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, ADR Center vs Il-Kummissjoni, C-584/17 P, EU:C:2020:576, punt 73).

31 F'dan il-każ, id-deċiżjonijiet kontenzjużi jirrigwardaw mhux biss l-Artikolu 299 TFUE, iżda wkoll l-Artikolu 100(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-2018, li jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tifformalizza l-konstatazzjoni ta' kreditu kontra persuni li ma humiex Stati Membri f'deċiżjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv, fis-sens ta' dan l-Artikolu 299, mingħajr ma tistabbilixxi distinzjoni skont jekk il-kreditu li l-konstatazzjoni tiegħu hija fformalizzata minn tali deċiżjoni huwiex ta' oriġini kuntrattwali jew mhux kuntrattwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, ADR Center vs Il-Kummissjoni, C-584/17 P, EU:C:2020:576, punt 57).

32 F'dan ir-rigward, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 58 ta' dan il-jum, Il-Kummissjoni vs HB, C-160/22 P u C-161/22 P, id-deċiżjonijiet ta' rkupru CARDS u TACIS, li d-deċiżjonijiet ikkontestati huma intiżi sabiex jeżegwixxu b'mod koerċittiv, jimplikaw l-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika u ma jaqgħux esklużivament fil-kuntest ta' relazzjonijiet kuntrattwali.

33 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 66 ta' din is-sentenza, li d-deċiżjonijiet ta' rkupru CARDS u TACIS għandhom jiġu kklassifikati bħala "att li jista' jiġi kkontestat", fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, b'tali mod li rikors intiż sabiex jinkiseb l-annullament tagħhom għandu jitressaq quddiem il-qorti tal-Unjoni.

34 Il-Qorti Ġenerali għalhekk wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 52 u 53 tas-sentenza appellata, li d-djun li l-Kummissjoni tfittex l-irkupru tagħhom kienu joriġinaw minn ftehimiet u li, fid-dawl tal-assenza ta' klawżola ta' arbitraġġ fihom favur il-qrati tal-Unjoni, il-Kummissjoni ma kellhiex is-setgħa li tadotta d-deċiżjonijiet kontenzjużi abbażi tal-Artikolu 299 TFUE.

35 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-appell għandu jintlaqa' u s-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

Fuq il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali

36 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Tista' allura jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat lura l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha.

37 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjonijiet kontenzjużi abbażi tal-ewwel motiv imqajjem minn HB insostenn tar-rikors tagħha mingħajr ma eżaminat l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi u lanqas it-tieni u t-tielet motivi mqajma insostenn ta' dan ir-rikors.

38 F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex l-elementi neċessarji sabiex tiddeċiedi b'mod definittiv dwar dan l-ilment u dawn il-motivi li ma ġewx diskussi quddiemha.

39 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li hemm lok li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi dwar l-imsemmija lmenti u motivi.

Fuq l-ispejjeż

40 Peress li l-kawża qiegħda tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali, l-ispejjeż marbuta ma' din il-proċedura ta' appell għandhom jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Lulju 2022, HB vs Il-Kummissjoni (T-408/21, EU:T:2022:418), hija annullata.**

2) **Il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.**

3) **L-ispejjeż huma rriżervati.**

Firem